MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 350/2000/1

**Francis Borg**

**vs**

**Aldo Bajada**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi l-attur huwa l-propjetarju tal-vettura Mitsubishi Pickup Van numru FBS 015, liema vettura fit-23 ta' Marzu, 1999, kienet qeghda tinsaq minn ibnu Nicholas Borg fin-Naxxar;

Illi l-konvenut Aldo Bajada kien qieghed isuq il-vettura tieghu Toyota numru EAB 527 u baqa' diehel fil-vettura ta' l-attur;

Illi l-incident awtomobilistiku gara tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi l-attur sofra danni fil-vettura tieghu, ghal liema danni huwa unikament responsabbli l-konvenut, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid in vista tal-premess, ghaliex m' ghandhiex dina l-Qorti:-

1. tiddikjara li l-incident awtomobilistiku tat-23 ta' Marzu 1999 gewwa n-Naxxar bejn il-vetturi tal-kontendenti suindikati gara tort unikament tal-konvenut li huwa wkoll unikament responsabbli ghad-danni soferti mill-attur fil-vettura tieghu;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu okkorrendo bl-opra ta' perit nominand;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' April 1999 u bl-imghax relativ sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi preliminarjament, il-gudizzju mhux integru stante li kemm l-attur u kemm il-konvenut huma mizzewgin;

2. Illi inoltre, l-attur ghandu jaghti indikazzjoni ta' x'danni sofra l-attur fil-vettura tieghu, stante li mir-ritratt hawn anness (Dok A), ma jidhirx li l-attur ghandu spejjez kbar li

jeccedu l-elf lira maltin (Lm1000), u dan ghal finijiet ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident awtomobilistiku de quo sehh minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lita tax-xhieda tieghu;

Semghet lix-xhieda prodotti mill-attur;

Semghet lill-konvenut u lix-xhud minnu prodott;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat :-

Mil-provi jirrizulta li li fit-23 ta' Marzu 1999 fin-Naxxar sehh incident stradali, li fih kienu involuti l-vettura Mitsubishi Pickup Van numru ta' registrazzjoni FBS 015 proprjeta tal-attur u li kienet qed tigi misjuqa minn bin l-attur Nicholas Borg u l-vettura misjuqa mill-konvenut tal-marka Toyota numru ta' registrazzjoni EAB 527. L-attur jallega li l-konvenut baqa' diehel fil-vettura ta' l-attur u ghalhekk l-istess incident gara tort unikament tal-konvenut. L-attur ikompli jippremetti li huwa sofra danni fil-vettura tieghu. L-attur, ghalhekk, qed jitlob, li jigi dikjarat li l-incident awtomobilistiku gara tort unikament tal-konvenut li huwa wkoll unikament responsabbli ghad-danni soferti mill-attur fil-vettura tieghu. L-attur qed jitlob ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u konsegwentement il-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Il-konvenut qed jeccepixxi li l-gudizzju mhux integru stante li kemm l-attur u kemm il-konvenut huma mizzewgin. Jeccepixxi ukoll li l-attur ghandu jindika x'danni sofra fil-vettura tieghu, stante li ma jidhirx li l-attur ghandu spejjez kbar li jeccedu l-elf lira maltin (Lm1000) u dana ghal finijiet ta' kompetenza. Fl-ahhar nett jeccepixxi li l-incident awtomobilistiku sehh tort tal- attur;

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut rigwardanti l-integrita' tal-gudizju ma tistax tigi akkolta peress li ma saret ebda prova dwar iz-zwieg la tal-attur u lanqas tal-konvenut;

Is-sewwieq tal-vettura tal-attur ikkonferma li kien niezel Triq l-Imdina Naxxar, li hi triq fejn jghaddu vetturi sejrin fiz-zewg direzzjonijiet. Hemm linja li taqsam it-triq u li tindika zewg karregjati.  F'daqqa wahda giet mid-direzzjoni opposta il-vettura misjuqa mill-konvenut. Il-konvenut kien gej min-naha ta' 21st September Avenue Naxxar, u dar ghal go Imdina Road. Il-konvenut qabez is-sinjal tan-nofs tat-triq u ghalhekk gie fuq in-naha l-hazina tat-triq u kien ghalhekk li sehhet din il-kollizjoni. Id-daqqa fuq il-vettura tal-attur kienet bejn il-genb u l-faccata tal-karozza, fuq in-naha ta' quddiem tal-lemin. B'mod specifiku l-hsarat kienu fuq il-bonnet, il-mudguard tan-naha tal-lemin ta' quddiem, fuq il-faccata, u fir-rota.  Kien hemm ukoll hsara fil-bumper ta' quddiem;

Il-konvenut jghati verzjoni differenti kif sehh l-incident de quo. Huwa jghid li kif kiser ghall-Mdina Road sab li l-vettura l-ohra li kienet involuta fl-incident ghaddeja f'nofs it-triq. Ipprova jdawwar lejn il-lemin tieghi peress li fuq ix-xellug tieghu hemm il-hajt, pero xorta wahda l-vettura l-ohra baqghet diehla fih. Il-hsarat fil-karozza tal-konvenut kienu fuq quddiem u fuq il-gemb ta'quddiem in-naha tal-lemin;

Sostanzjalment is-sewwieqa li kienu involuti fil-kollizzjoni f'dawn il-proceduri xehedu dak li qalu lis-Surgent li mar

jinvetiga l-kollizzjoni u dana ftit tal-hin wara li sehh l-istess incident;

Mill-kumpless tal-provi prodotti b'mod partikolari l-isketch esibit mis-Surgent tal-Pulizija u mill-hsarat li sofrew iz-zewg vetturi, jirrizulta li l-vettura misjuqa mill-konvenut marret fuq in-naha l-hazina tat-triq u kien ghalhekk li sehh l-istess incident in kwestjoni. Ghalhekk jirrizulta li l-incident sehh tort tal-konvenut li ghandu jigi ritenut responsabbli ghad-danni konsekwenzjali sofferti mill-attur. Ma jirrizulta l-ebda nuqqas da parti tas-sewwieq tal-vettura tal-attur;

Mid-dokumenti esibiti jirrizulta li l-attur issubixxa danni ghall-ammont ta' seba mija u erba liri maltin u disa centezmi (Lm704.09) u cioe' Lm165 ghal panel beating, Lm109.25 ghax-xoghol ta' zebgha u Lm429.09 ghall-ispare parts. Mal-imsemmi ammont ta' Lm704.09 trid tizdied somma ghal kiri ta' vettura ohra waqt li l-vettura involuta fl-incident kienet qed tissewwa. F'dan ir-rigward kl-attur jippretendi li l-vettura damet tissewwa tmintax (18) il-gurnata. Dan il-fatt ma jirrizultax pruvat. Jidher li, skond id-daqqa in kwestjoni, hu aktar ragjonevoli u verosimili li l-vettura damet tissewwa nofs iz-zmien li semma l-attur u cioe' disghat (9) ijiem ekwivalenti ghal Lm152.25 ghal kiri ta' vettura ohra. Ghalhekk id-danni kolha sofferti mill-attur qed jigu likwidati fis-somma komplessiva ta' tmien mija u sitta u hamsin liri maltin u erba u tletin centezmu (Lm856.34);

Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ghandhom jigu rigettati filwaqt li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti bid-danni sofferti mill-attur likwidati fis-somma ta' tmien mija u sitta u hamsin liri maltin u erba u tletin centezmu (Lm856.34);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-incident awtomobilistiku tat-23 ta' Marzu 1999 gewwa n-Naxxar bejn il-vetturi tal-kontendenti suindikati gara tort unikament tal-konvenut li huwa wkoll unikament

responsabbli ghad-danni soferti mill-attur fil-vettura tieghu; tillikwida d-danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu fis-somma ta' tmien mija u sitta u hamsin liri maltin u erba u tletin centezmu (Lm856.34) u tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' Lm856.34 in linea ta' danni. Bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez jithallsu kwantu ghall 90% mill-konvenut u kwantu ghar-rimanenti 10% mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------